# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

# Illum it-Tnejn, 11 ta' Ottubru, 2021

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 36/2021 ISB**

**Skaugen Marine Investments (Malta) Ltd (C 63715)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti **Skaugen Marine Investments (Malta) Ltd.** pprezentat fit-23 ta' April 2021, li permezz tiegħu hija esponiet bir-rispett:-

> *Illi dan huwa rikors a tenur tal-artiklu 218(1)(b) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) (l-"**Att**") permezz ta' liema qiegħed jintalab ix-xoljiment u stralċ tal-kumpannija rikorrenti;*

*Illi l-kumpannija rikorrenti ġiet kostitwita fil-3 ta' Frar 2014 bħala limited liability company bin-numru uffiċċjali C-63715;*

*Illi din il-kumpannija kienet topera fis-settur marittimu billi kienet topera numru ta' bastimenti li ġew nolleggjati a favur tagħha mill-parent company tagħha u ċioè Skaugen Marine Investments PTE. Ltd, kumpannija reġistrata ġewwa r-repubblika ta' Singapore;*

*Illi id-diretturi tal-kumpannija rikorrenti u konxji mill-obbligi tagħhom skont il-liġi, iffirmaw riżoluzzjoni datata 20 ta' Jannar 2021 (annessa hawn taħt u mmarkata bħala* ***Dokument S 1****) li permezz tagħha ġie deċiż illi l-istess kumpannija għandha tiġi xjolta u mqegħda fi stralċ a tenur tal-artiklu 214(2) tal-Att;*

*Illi kif jirriżulta mill-istess riżoluzzjoni meħuda mid-diretturi tal-kumpannija rikorrenti, id-deċiżjoni meħuda sabiex tiġi xjolta l-kumpannija rikkorrenti kienet ibbażata fuq :-*

*i. il-fatt illi l-qagħda finanzjarja tal-kumpannija ma kenitx waħda li kienet ser tippermetti lill-istess kumpannija li tissalda l-passiv tagħha tenut kont tal-assi appartenenti lilha u dan a bażi tal-kontijiet finanzjarji għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diembru 2016 kif ukoll a bażi ta' lista ta' kredituri rizultanti mill-kotba tal-kumpannija datata 16 ta' Lulju 2020;*

*ii. in oltrè, u wara li ġew terminati numru ta' kuntratti ta' nolleġġ ta' numru ta' bastimenti li kienu ġestiti mill-istess kumpannija rikorrenti, l-operat tal-kumpannija rikorrenti ġie sospiż u ilu hekk sospiż għal perjodu in eċċess ta' erbgħa u għoxrin xahar;*

*iii. in oltrè u permezz ta' sentenza mogħtija mill-High Court of the Republic of Singapore, il-kumpannija SMIPL PTE Ltd li hija l-unika azzjonista fil-kumpannija rikorrenti, ġiet xjolta u mqegħda fi stat ta' stralċ;*

*GĦALDAQSTANT u in vista tas-suespost, il-kumpannija rikorrenti qegħda titlob umilment a tenur tal-artiklu 218 (1)(b) tal-Att illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:-*

*1. Tordna illi l-kumpannija rikorrenti Skaugen Marine Investments (Malta) Ltd tiġi xjolta u konsegwentement mqegħda fi stralċ minn dina l-Onorabbli Qorti abbażi tal-artiklu 214 (2)(a) tal-Att; u*

*2. Taħtar stralċjarju sabiex jieħu f'idejh il-proċess ta' stralċ tal-kumpannija rikorrenti skont il-liġi; u*

*3. Tagħti kull provvediment ieħor xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors (fol 3 sa fol 17).

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Mejju 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021 fl-12:30pm, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-21 ta' Mejju 2021 (ara tergo ta` fol 20).

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021, dehru Dr Luisa Cassar Pullicino u Dr Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` rikorrenti, li minn naha taghhom iddikjaraw illi kienu qed jistriehu fuq l-atti u li r-rikors seta` jithalla ghall-provvediment.

Rat illi l-proceduri thallew ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta mir-rikors promotur is-segwenti:

Illi s-socjeta` rikorrenti twaqqfet u giet registrata f'Malta fit-3 ta' Frar 2014 bin-numru ufficjali taghha jkun C-63715, u l-attivita` principali taghha kien fis-settur marittimu;

Illi hija kienet tikri bastimenti mill-*parent company* taghha bl-isem ta' Skaugen Marine Investments PTE Ltd, registrata gewwa Singapore u li ulterjorment jirrizulta illi din l-ahhar kumpannija msemmija giet xjolta u mqeghda fi stat ta' stralc b'sentenza moghtija mill-*High Court of the Republic of Singapore*.

Illi ghalhekk, b'rizoluzzjoni tas-socjeta` rikorrenti Skaugen Marine Investments (Malta) Ltd**.** tal-20 ta' Frar 2021, gie rizolt, fost ohrajn, illi:

> *The Company shall dissolved and wound up by Court in terms of article 214(2) of Capter 386 of the Laws of Malta.*
>
> *That Directors shall by means of an application file a request before the court for and on behalf of the company, requesting the dissolution and winding up of the same in accordance with artilce 214(2) ..............*

**Art. 214(2) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura huwa l-artilu 214(2) li, fis-sub-artikolu (2) tieghu, jipprovdi hekk:

*Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu (1) –*

*(a) kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin –*

*i. <u>jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin xahar</u>;*

*ii. il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha; u*

*(b) kumpanija għandha tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –*

*(i) in-numru ta' membri tal-kumpanija jkun niżel għal inqas minn tnejn u jibqa' nieqes għal iktar minn sitt xhur:*

*Iżda dan il-paragrafu ma japplikax għal kumpaniji b'membru wieħed kif speċifikat fl-artikolu 212(3);*

*(ii) in-numru ta' diretturi jkun niżel għal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes għal aktar minn sitt xhur;*

*(iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija;*

*(iv) meta ż-żmien, jekk ikun hemm, stabbilit għad-dewmien tal-kumpanija bil-memorandum jew bl-istatut jiskadi, jew jiġri dak, jekk il-każ, li mal-ġrajja tiegħu l-memorandum jew l-istatut jipprovdi li l-kumpanija għandha tiġi stralċjata, u l-kumpanija f'laqgħa ġenerali ma tkunx, qabel ma jiskadi ż-żmien jew qabel il-ġrajja, għaddiet riżoluzzjoni biex isir l-istralċ volontarju.*

**Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artiklu 218(1) jghid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*
>
> *għandha ssir b'rikors li <u>jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha</u> jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*
>
> *Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

Illi r-rizoluzzjoni mehuda fl-20 ta' Jannar 2021 (DOM S1) taghmel referenza specifika ghall-problemi li l-kumpannija *de quo* irriskontrat biex tkompli topera, fosthom illi l-ftehim ta' nolleggi tal-bastimenti li kellha kienu qed jigi tterminati u illi fid-data tat-tehid

tar-rizoluzzjoni, <u>il-kumpannija kienet gja ilha aktar minn erba' u ghoxrin (24) xahar bin-negozju taghha sospiz</u>.

Illi d-difensuri tas-socjeta` rikorrenti strahu fuq l-atti qabel ma ddikjaraw illi din l-Qorti tista' tghaddi ghall-provvediment taghha, u fil-fatt, mill-atti stess jirrizultaw sodisfatti ir-rekwiziti li trid il-ligi sabiex din il-Qorti tkun tista' tipprovdi b'mod favorevoli dwar it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi gew sodisfatti il-voti tal-ligi sabiex tkun tista` tghaddi biex takkolja it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti giet mgharrfa bihom, din il-Qorti qeghda <u>tilqa' t-talbiet kif dedotti</u> fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti u:

1. **Tordna** illi s-socjeta` **Skaugen Marine Investments (Malta) Ltd C-63715** tigi xjolta b'effett immedjat u konsegwentament stralcjata a bazi tal-artiklu 214(2)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Tahtar** lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija **Skaugen Marine Investments (Malta) Ltd**.

3. **Taghti** lill-istralcarju s-setghat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jaghmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-kaz, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jiehu taht il-kustodja u l-kontroll tieghu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Skaugen Marine Investments (Malta) Ltd** jista' ghandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

   d) Jaghmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proceduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

   e) Jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' ghandha,

4. **Tordna** lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sa qabel l-udjenza li jmiss.

5. **Tordna** li l-ispejjez u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez kollha tal-istralc komprizi l-ispejjez u d-drittijiet tal-istralcjarju, ghandhom jithallsu mill-kumpannija rikorrenti **Skaugen Marine Investments (Malta) Ltd.**

**Finalment, il-Qorti qed thalli l-istralc ghar-rapport tar-Ricevitur Ufficjali.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**